MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 945/2004

**John Scicluna bħala "Chairman" għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Desmond Mizzi bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ramdes Industries Limited (I.d: 465463(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Diċembru, 2004, u d-dokument mehmuż miegħu;
Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċit. Nru. 1438/91 JAF) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 1992, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat jħallas il-Maltacom p.l.c s-somma ta' Lm2727.77 (elfejn,seba' mija u sebgħa u għoxrin Lira Maltin u sebgħa u sebgħin ċenteżmu), in konnessjoni mas-servizzi telefoniċi numri 808252 u 775789;

Illi mill-imsemmija somma, l-konvenut għadu ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm229.11 (mitejn u disgħa u għoxrin Liri Maltin u ħdax-il ċenteżmu) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" flimkien kif ukoll Lm2727.77 (elfejn, seba' mija u sebgħa u għoxrin Liri Maltin u sebgħa u sebgħin ċenteżmu), imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-3 ta' Novembru 2004, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm5684.65 (ħamest elef, sitt mija u erbgħa u tmenin Liri Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjeta esponenti għandha nteress illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta iżda deher għar-rikors, mgħejjun minn Avukat;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri, għalkemm il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet fi ħsiebhom jippruvaw jaslu f'arranġament dwar skema ta' ħlasijiet;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------